

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-“Involvement tas-Soċjetà Ċivili fit-twaqqif ta’ Komunità Ewropea tal-Enerġija tal-ġejjieni” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2012/C 68/03)

Relatur: **is-Sur COULON**

Nhar l-14 ta’ Ġunju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

l-Involvement tas-Soċjetà Ċivili fit-twaqqif ta’ Komunità Ewropea tal-Enerġija tal-ġejjieni.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura, u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-20 ta’ Diċembru 2011.

Matul l-477 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-18 u d-19 ta’ Jannar 2012 (seduta tat-18 ta’ Jannar 2012), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’183 vot favur, 2 voti kontra u 8 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE japprova l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni Ewropea bil-għan li tkompli għaddejjja l-interkonnessjoni u li jinħoloq suq intern tal-enerġija. Huwa jappoġġja wkoll l-isforzi, b’mod partikolari tal-Kunsill, bil-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fix-xena internazzjonali. Il-KESE jieħu nota b’mod partikolari tal-Pjan ta’ Direzzjoni għall-Enerġija 2050 li ppubblikat il-Kummissjoni fil-15 ta’ Diċembru 2011 bil-għan li “tiddefinixxi approċċ Ewropew li fi ħdanu l-Istati Membri kollha jkollhom viżjoni komuni (...)”.

1.2 Il-KESE jappoġġja l-prinċipju li tinħoloq Komunità Ewropea tal-Enerġija (KEE) u japprova l-istadji intermedji involuti inklużi n-netwerks Ewropej reġjonali tal-enerġija, il-fond għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u r-raggruppament tax-xiri tal-gass.

1.3 Il-KESE jirrakkomanda li mmorru lil hinn minn dan billi nintegraw is-swieq Ewropej sabiex tinħoloq konverġenza bejn il-prezzijiet tal-enerġija u biex dawn jitnaqqsu. Dwar it-taħlita tal-enerġija huwa jirrakkomanda wkoll li jsiru l-għażliet l-iktar koerenti u effikaċi fil-livell tal-UE. Gruppi ta’ Stati jistgħu jifformalizzaw kooperazzjoni msaħħa permezz ta’ proġetti prijoritarji ta’ infrastruttura, ta’ interkonnessjoni u ta’ komplementarjetà fil-livell tal-produzzjoni u tal-provvista tal-enerġija.

1.4 Il-KESE jipproponi li l-investimenti, inkluż dawk nazzjonali, jiffokaw fuq ir-riċerka fil-qasam tat-teknoloġiji b’livell baxx ta’ karbonju. Jeħtieġ li l-enfasi titpoġġja fuq l-enerġija rinnovabbli u l-proġetti l-kbar li l-iktar ser jikkontribwixxu għall-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Ewropa u l-ħolqien tal-impjegi.

1.5 Il-KESE jitlob li l-aċċess universali għall-enerġija jkun pari mill-għanijiet tal-politika tal-enerġija komuni tal-UE. Huwa jemmen li l-awtoritajiet kompetenti jew id-distributuri tal-enerġija għandhom jinfirmaw, u dan b’mod sistematiku, lill-konsumaturi aħħara dwar id-drittijiet tagħhom u li fejn ikun hemm

b’zonn għandu jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumatur. Il-KESE jirrakkomanda li l-problema tal-faqar enerġetiku tiġi indirizzata mingħajr dewmien b’mod partikolari permezz ta’ “patt Ewropew għas-solidarjetà fil-qasam tal-enerġija”.

1.6 Il-KESE jitlob li tinħoloq struttura komuni għall-provvista tal-karburanti fossili. Huwa jitlob li l-UE tingħata iktar kompetenzi fin-negozjati u l-monitoraġġ tal-ftehimiet internazzjonali dwar il-forniment tal-enerġija.

1.7 Il-KESE jirrakkomanda li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fil-viċinat tal-UE fi spirtu ta’ żvilupp u sħubija.

1.8 Fid-dawl tal-kwistjonijiet ambjentali importanti, l-ammont ta’ investimenti li għandhom isiru, ir-riperkussjonijiet soċjali tad-deċizzjonijiet politiċi, il-konsegwenzi fuq l-istil ta’ ħajja u l-b’zonn tal-appoġġ pubbliku, huwa indispensabbli li ċ-ċittadini jiġu infurmati u assoċjati fid-dibattitu dwar il-kwistjonijiet tal-enerġija. Il-KESE jappella biex jinħoloq forum Ewropew tas-soċjetà ċivili bil-kompitu li jsegwi l-kwistjonijiet tal-enerġija li jippermettu lill-organizzazzjonijiet membri li jressqu l-fehmiet tagħhom quddiem dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet.

1.9 Il-KESE għandu jkun lok ta’ dibattitu perijodiku strutturali mas-soċjetà ċivili Ewropea dwar l-iżviluppi fir-rigward tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija.

1.10 Il-KESE jirrakkomanda li jiġi evalwat il-progress li ser isir minn issa sal-2014 bl-għajnuna ta’ Artikolu 194 tat-TFUE u li mbagħad jitqies jekk hemmx b’zonn ta’ bidliet abbażi tal-proposti mressqa f’din l-opinjoni.

2. Il-politika tal-enerġija tal-UE: sfidi, progress u limiti

2.1 Is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-UE hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' bilanċ li qed ikompli jiżded bejn il-produzzjoni u l-konsum domestiku u dipendenza kbira u persistenti fuq is-sorsi tal-enerġija li ġejjin mill-karbonju. Għalhekk l-UE qed tiffaċċja tliet sfidi simultanji kbar u li mhux faċli jiġu rikonċiljati:

- il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta'emissjonijiet ta' karbonju;
- l-integrazzjoni u suq intern tal-enerġija effikaċi u prezzijiet tal-enerġija affordabbli, u
- s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

2.2 L-għan li jinħoloq suq intern tal-elettriku u l-gass imur lura għall-1996 (l-ewwel pakkett tal-liberalizzazzjoni), iżda 15-il sena wara s-suq intern tal-enerġija għadu kaxxa vojta: 10 % biss tat-transazzjonijiet tal-elettriku jsiru bejn il-pajjiżi, il-konsumaturi mhux dejjem jistgħu jagħżlu fornituri stabbiliti fi Stat Membru ieħor, l-iżvilupp tas-sorsi rinnovabbli, li għandhom isiru s-sorsi prinċipali tal-produzzjoni tal-elettriku, għadu bbażat fuq mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali, l-ippjanar tan-netwerks għadu fil-biċċa l-kbira tiegħu kompetenza nazzjonali (ACER kompetenti biss għall-kapaċità transkonfinali filwaqt li suq ġenwinament integrat jirrikjedi azzjoni konġunta fir-rigward tan-netwerks nazzjonali), l-UE ma titkellimx b'vuċi waħda mal-pajjiżi fornituri eċċ. Il-politiki prinċipali li japplikaw għas-settur tal-gass u l-elettriku huma fil-biċċa l-kbira tagħhom immexxija fil-livell nazzjonali.

2.3 L-iskala ta' dawn il-kwistjonijiet u l-livell għoli ta' interdipendenza politika, ekonomika u teknika bejn l-Istati Membri u l-UE jitolbu azzjoni komuni li tagħti prijorità lill-interess kollettiv tal-UE iktar milli lill-interessi meqjusa bħala nazzjonali.

2.4 L-għan issa huwa li jiġi finalizzat il-bini tas-suq intern tal-enerġija fl-2014. Il-bini ta' sistema tal-enerġija Ewropea huwa x-xewqa tal-Ewropej. Ir-riżultati ta' stħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru tal-Parlament Ewropew (Standard EB 74.3 dwar l-enerġija u EB Speċjali 75.1 tad-19.4.2011) juru li (i) iċ-ċittadini Ewropej jemmnu fil-valur miżjud Ewropew fil-qasam u jagħtu prijorità lill-approċċ komunitarju u li (ii) il-preokkupazzjonijiet tagħhom jikkorrispondu mal-isfidi l-kbar imsemmija hawn fuq f'din l-ordni: prezzijiet stabbli, sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-garanzija tal-provvista tal-enerġija. 60 % taċ-ċittadini Ewropej iqisu li fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista jkunu iktar imħarsa permezz ta' miżuri koordinati mal-pajjiżi l-oħra tal-UE. Fl-aħħar nett, 78 % taċ-ċittadini Ewropej laqgħu l-proposta għal Komunità Ewropea tal-Enerġija.

2.5 Il-KESE jqis li billi tirrispondi b'mod effettiv għall-preokkupazzjonijiet il-kbar taċ-ċittadini, l-UE ser tkun tista' tilleġittimizza mill-ġdid l-azzjoni tagħha. Il-ħolqien fi stadji ta' KEE

huwa l-aħjar mod ta' kif jittaffew il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-isfidi fil-qasam tal-enerġija fuq iċ-ċittadini Ewropej. L-interdipendenza li tezzisti bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija hija theddida kbira għall-koeżjoni tal-UE jekk mhux sa tiġi akkumpanjata minn skemi ta' governanza demokratika li jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet komuni favur il-ġid komuni.

3. Lejn Komunità Ewropea tal-Enerġija (KEE)

3.1 F'dan il-kuntest, Jacques Delors ressaq l-idea li tinħoloq "Komunità Ewropea tal-Enerġija" (KEE), proġett appoġġjat minn Jerzy Buzek. Il-KESE jqis li dan il-proġett politiku li kien is-suġġett ta' rapport dettaljat li tfassal mill-grupp ta' riflessjoni Notre Europe (ara: http://www.notre-europe.eu/uploads/tx_publication/Etud_Energie_en.pdf) jista' jipprovi risposta effettiva għall-isfidi fil-qasam tal-enerġija filwaqt li jerġà jagħti l-leġittimità lill-Ewropa u jagħti ħajja għda lill-proġett Ewropew.

3.2 Ġew proposti bosta għażliet, miż-żamma tal-istatus quo (Artiklu 194 tat-TFUE) għall-konklużjoni ta' Trattat Ewropew għdid tal-Enerġija.

3.3 Ġew proposti wkoll dawn il-passi intermedjarji fosthom:

- kooperazzjoni msaħħa madwar in-netwerks tal-enerġija reġjonali Ewropej;
- fond komuni tal-enerġija għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda;

— il-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għax-xiri tal-gass.

3.4 Il-KESE li diġà adotta opinjonijiet fejn appoġġja l-idea ta' servizz Ewropew komuni tal-enerġija⁽¹⁾, iqis li jkun utli li tiġi sfruttata d-dinamika li ħoloq ir-rapport tal-grupp ta' riflessjoni Notre Europe u li nagħmlu pass 'il quddiem billi nassoċjaw is-soċjetà ċivili fid-dibattitu kif ukoll billi jiġu implimentati miżuri sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-integrazzjoni u l-kooperazzjoni.

4. L-Unjoni Ewropea miexja lejn politika tal-enerġija iktar integrata

4.1 Il-KESE jinnota b'sodisfazzjoni l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea bil-għan li jirrispondi għall-isfidi tal-enerġija b'mod partikolari l-proposti l-iktar reċenti fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriżijiet, in-netwerks u l-infrastruttura u s-sigurtà tal-provvista fil-pajjiżi terzi. Dawn il-proposti jikkontribixxu għal iktar solidarjetà, kooperazzjoni u effikaċja u jimxu lejn viżjoni komuni.

⁽¹⁾ ĠU C 175, 28.7.2009, p. 43-49.
ĠU C 306, 16.12.2009, p. 51-55.

4.2 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni l-proposta reċenti għal regolament dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (COM(2011) 658 finali) li ġejja mill-pjan dettaljat għal netwerk tal-enerġija Ewropew integrat propost fl-2010 (COM(2010) 677 finali). Huwa ser jieħu pożizzjoni f'opinjoni separata (Opinjoni TEN/470).

4.3 Il-KESE jappoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea bil-għan li l-politika Ewropea tal-enerġija tingħata dimensjoni esterna integrata u koerenti li tiżgura s-sigurtà tal-provvista mill-pajjiżi terzi (COM(2011) 539 finali). Il-KESE jappoġġja kwanlunkwe tisħiħ tal-pożizzjoni tal-UE dwar is-sħubijiet esterni tal-UE. Huwa ser jeżamina din il-kwistjoni fl-opinjoni tiegħu TEN/464.

4.4 Il-KESE jappoġġja l-mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (COM(2011) 540 finali). Din il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea importanti sabiex tenfasizza l-pożizzjoni fuq quddiem tal-interess kollettiv Ewropew fuq l-interessi nazzjonali (Opinjoni TEN/464).

5. Bżonn ta' dinamika iktar ambizzjuża u parteċipattiva sabiex niffaċċjaw l-isfidi ta' għada

5.1 Minkejja l-progress konsiderevoli li sar, il-KESE jqis li hemm bżonn li nimxu iktar 'il quddiem fil-qasam ta' governanza komuni tal-kwistjonijiet tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-għan ta' sistema tal-enerġija b'livell baxx tal-karbonju minn issa sal-2050.

Lejn suq tal-enerġija integrat fil-livell Ewropew

5.2 Jeħtieġ li l-leġislazzjoni Ewropea fil-qasam tal-enerġija tippromovi iktar approċċ komuni lejn il-produzzjoni tal-enerġija. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-enerġiji rinnovabbli bl-għanijiet nazzjonali stabbiliti. Importanti li tingħata prijorità lill-investimenti l-iktar kosteffettivi abbażi ta' kemm jiswew u kemm ser ikunu ta' benefiċċju għall-produzzjoni fl-UE. Hemm bżonn ta' iktar solidarjetà fil-każ ta' perjodi ta' produzzjoni baxxa fil-livell Ewropew. Dan jaf jirrikjedi li tiġi adattata l-leġislazzjoni Ewropea.

5.3 Il-KESE jfakkar f'kemm huwa importanti li jsir pjanar komuni tan-netwerks u li dawn ikunu interkonnessi sabiex tiġi solvuta l-konġestjoni, b'mod partikolari fil-fruntieri. Il-Kummissjoni Ewropea għandha taqdi rwol mexxej f'dan ir-rigward. Jeħtieġ li l-operaturi privati jingħataw idea fuq perjodu twil fir-rigward tal-kumpens għall-investment. F'dan il-kuntest, is-sħubijiet pubbliċi-privati jistgħu jaqdu rwol.

5.4 Minkejja li l-għażla tat-taħlita tal-enerġija hija kompetenza nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jieħdu deċizzjonijiet responsabbli fil-qasam tal-produzzjoni tal-enerġija. Id-deċizzjonijiet li jittieħdu b'mod unilaterali minn ċerti Stati Membri, bħal dawk li ttieħdu wara l-inċident ta' Fukushima li għamluha iktar diffiċli li jinstab bilanċ bejn id-domanda u l-produzzjoni tal-enerġija fil-livell reġjonali, għandhom jittieħdu bi ftehim komuni

fil-livell tal-UE fid-dawl tal-livell għoli ta' interdipendenza. Iż-żieda fl-importanza tal-enerġiji rinnovabbli fil-perjodu twil ser tirrikjedi azzjoni komuni sabiex tkun tista' tiġi garantita biżżejjed produzzjoni tal-enerġija fil-każ ta' produzzjoni baxxa tas-sorsi rinnovabbli.

5.5 In-nuqqas ta' koordinazzjoni twassal għal provvista tal-enerġija mhux daqstant affidabbli u thedded l-isforzi paralleli li jsiru sabiex jissaħħu l-interkonnessjoni u s-solidarjetà fl-UE. Fl-istess waqt, it-twaqqif tal-enerġija nukleari, sors tal-enerġija b'intensità tal-karbonju baxxa, fil-perjodu l-qasir m'għandux ifisser ir-rikors kbir għal sorsi tal-enerġija li jħammġu, billi dan imur kontra l-għan tal-UE. Dan għandu jsir bl-ikbar trasparenza u f'kollaborazzjoni mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata.

5.6 Il-KESE jqis li fid-dawl tal-interdipendenza bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija, il-perspettiva tal-indipendenza fejn tidħol l-enerġija ma tistax tkun nazzjonali iżda Ewropea.

5.7 Il-KESE jipproponi li tiġi evalwata l-implimentazzjoni ta' approċċi komuni bejn is-sottogruppi tal-Istati Membri u tal-operaturi abbażi tat-taħlita tal-enerġiji rispettivi tagħhom u l-prattiki tagħhom ta' skambju ta' enerġiji transkonfinali. Din il-koordinazzjoni reġjonali tiżgura koerenza ikbar bejn l-għażliet tal-enerġija tal-Istati Membri kkonċernati u iktar sigurtà tal-provvisti tagħhom. Dawn il-gruppi jistgħu jużaw tajjeb ir-riżorsi tal-enerġija ta' kwalunkwe wieħed minnhom kemm fejn jidħlu l-enerġiji rinnovabbli kif ukoll il-produzzjoni tal-elettriku bbażata fuq sorsi oħra tal-enerġija.

5.8 Il-KESE jipproponi li dawn il-gruppi jkollhom ir-responsabbiltà tal-għażla tat-taħlita tal-enerġija tagħhom kif ukoll tan-netwerk tal-infrastrutturi tagħhom. B'hekk jistgħu jiġu żviluppjati komunitajiet tal-enerġija reġjonali, koerenti u interkonnessi. Il-vantaġġ ta' dawn il-komunitajiet ikun li joħlqu kundizzjonijiet tas-suq simili (prezzijiet tal-enerġija, sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli, relazzjonijiet mal-klijenti eċċ) fost l-Istati Membri involuti.

5.9 Waħda mill-politiki armonizzati b'suċċess f'xi reġjuni Ewropej turi li l-armonizzazzjoni tal-politika għandha impatt ċar fuq l-integrazzjoni tas-suq; dan jinvolvi l-akkoppjament tas-swieq għall-allokazzjoni tal-kapaċitajiet ta' trasmisjoni. L-akkoppjament tal-prezzijiet bejn il-pajjiżi jippermetti li tinholq żona unika ta' skambju u konsegwentement żona ta' prezzijiet uniċi meta l-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni ma jillimitawx l-iskambju transkonfinali. Dan jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' suq Ewropew uniku tal-elettriku. In-Nord Pool Spot introduċa l-kunċett ta' "price splitting" fl-1993 u fl-2006 l-akkoppjament tal-prezzijiet ġie applikat għall-ewwel darba bejn Franza, il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi. Biż-żmien dawn il-kundizzjonijiet tas-suq mistennija joffru firxa ta' għażliet trans-Ewropej lill-konsumatur.

5.10 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-opportunitajiet ekonomiċi li dawn il-gruppi makroreġjonali jistgħu joffru għall-Istati Membri b'riżultat tal-ekonomiji ta' skala involuti u l-iżvilupp industrijali marbut mas-sorsi rinnovabbli tal-enerġija.

5.11 Il-KESE jfakkar li huwa favur taħlita tal-enerġija diversifikata u sostenibbli. L-għażliet nazzjonali għandhom jikkonformaw mal-leġislazzjoni u l-għanijiet tal-UE. Il-KESE jinsisti li dawn l-għażliet m'għandux ikollhom konsegwenzi negattivi sproprozzjonati fuq l-ekonomija, l-ambjent jew is-soċjetà. F'dan l-ispirtu, l-UE għandha tesplora sorsi ta' enerġija ġodda bħal gass tax-shale, wara konsultazzjoni wiesgħa u trasparenti tar-rappreżentanti mas-soċjetà ċivili organizzata, sabiex tevita r-riskju ta' diverġenza fl-approċċi nazzjonali.

Il-promozzjoni tal-kompetittività tal-UE: reċiproċità u żieda fir-riżorsi finanzjarji

5.12 L-isforzi konġunti fil-qasam tar-riċerka bejn l-Istati Membri u l-operaturi għandhom jiġu mhegħa u għandhom jinħolqu n-netwerks u l-komunitajiet ta' riċerka adegwati b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet, pereżempju permezz tal-pjattaformi ta' riċerka teknoloġika.

5.13 Fid-dawl tal-investiment neċessarju konsiderevoli u l-limiti baġitarji attwali, il-mezzi disponibbli għandhom ikunu kkonċentriati fuq l-isfidi l-kbar. Hemm bżonn li jissaħħu r-rabtiet bejn il-mezzi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej. Dan jista' jfisser li l-Istati Membri jiddedikaw l-appoġġ nazzjonali tagħhom għar-riċerka fir-rigward ta' proġetti marbuta mal-għanijiet Ewropej.

5.14 Jeħtieġ li jiġi evalwat jekk it-tisħiħ tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-infrastruttura u r-riċerka jistax iżid l-effikaċja tal-finanzjament. Dan jista' jfisser l-allokazzjoni ta' ammont fiss għall-proġetti tal-enerġija taħt il-bosta programmi ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali.

5.15 Jekk evalwazzjoni f'din id-direzzjoni tkun pożittiva, l-użu ta' obbligi għall-finanzjament tal-proġetti jista' jkun mezz effikaċi ta' kif jiżiedu r-riżorsi għall-promozzjoni tar-riċerka u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura.

5.16 Importanti li s-self mill-BEI jingħata prijorità b'mod iktar effettiv fir-rigward tal-proġetti prijoritarji ta' infrastruttura tal-UE. L-investimenti tal-gruppi makroreġjonali tal-Istati Membri għandhom ikunu eliġibbli għas-self mill-BEI.

5.17 Sforz globali u koordinat favur l-enerġiji rinnovabbli jista' jgħin lill-UE sabiex toħroġ mill-kriżi ekonomika attwali. Id-disponibbiltà ta' enerġija affordabbli hija element essenzjali tal-kompetittività ekonomika. Il-benefiċċji ser ikunu ħafna: il-ħolqien tal-impjiegi, l-għarfien, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-UE eċċ. Proġetti bħal tas-Supergrid jew l-iżvilupp u l-użu ta' riżorsi intelliġenti jistgħu jagħtu spinta lill-kooperazzjoni industrijali u l-innovazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE.

Politika tal-enerġija għal kulħadd

5.18 L-aċċess universali għall-enerġija għandu jkun parti mill-għanijiet tal-politika tal-enerġija komuni tal-UE u għandu jmur lil hinn minn biss l-integrazzjoni tas-suq.

5.19 Prezz ġust u trasparenti tal-enerġija jippermetti lill-intrapriżi li jikbru u jinvestu. Huwa possibbli li jinħolqu prezziżijiet tal-enerġija aċċessibbli permezz ta' għażliet effikaċi, suq intern tal-enerġija integrat u trasparenti u iktar setgħat ta' kontroll lir-regolaturi nazzjonali u Ewropej.

5.20 Il-leġislazzjoni Ewropea tagħti bosta drittijiet lill-konsumaturi iżda dawn f'it li xejn jafuhom u f'it jibbenefikaw minn-hom. Il-KESE jemmen li l-awtoritajiet kompetenti jew id-distributuri tal-enerġija għandhom jinfurmaw, u dan b'mod sistematiku, lill-konsumtari aħħara dwar id-drittijiet tagħhom. Huwa jitlob li jiġu ppubblikati fil-livell nazzjonali rapporti regolari dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi. Fejn ikun hemm bżonn, jistgħu jittieħdu miżuri supplimentari li jiżguraw l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi.

5.21 Fix-xitwa 2010/2011, il-faqar enerġetiku laqat bejn 50 u 125 miljun Ewropew (skont id-definizzjoni użata). Dan il-faqar jolqot l-iktar lil daww li għandhom l-inqas u li jinsabu fl-agħar djar, bini li m'għandux sistema tajba ta' iżolament u familji li lanqas biss jistgħu jħallsu t-tariffi soċjali li introduċew l-Istati Membri. Flimkien mal-isforz Ewropew li hemm bżonn favur sistema effikaċi tal-enerġija u t-tnaqqis tad-domanda, il-KESE jissuġġerixxi li tinieda riflessjoni ġdida dwar it-tisħiħ tal-mekkanżimi ta' solidarjetà fil-livell tas-27 Stat Membru għall-għieda kontra l-faqar enerġetiku u li tibda b'definizzjoni komuni ta' dan ⁽²⁾.

5.22 "Patt Ewropew tas-solidarjetà enerġetika" jista' b'hekk jiġbor fih id-dimensjoni strateġika u kruċjali tal-enerġija (aċċessibbiltà, tariffi u prezziżijiet affordabbli, regolarità, affidabbiltà, provenjenza). Din l-"arma" soċjali ta' enerġija Ewropea tkun xhieda ta' kemm l-Ewropa tinsab qrib il-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini tagħha. Din tkun parti integrali mill-isforzi favur armonizzazzjoni soċjali ikbar sabiex tissaħħa u tingħata tifsira ġdida lill-proġett Ewropew. Dan għandu jseħħ permezz ta' miżuri konkreti fil-livell adegwat.

It-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-politika tal-enerġija tal-UE

5.23 Il-KESE japprova l-proposta tal-grupp ta' riflessjoni Notre Europe dwar il-ħolqien ta' raggruppament tax-xiri tal-gass jekk l-Istati u l-intrapriżi parteċipanti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn setgħa msaħħa ta' negozjazzjoni, ikunu jistgħu jiżguraw il-provvista tagħhom u jnaqqsu l-volatilità tal-prezziżijiet filwaqt li jirrispettaw ir-regoli tal-kompetizzjoni. Pass ieħor jista' jkun il-ħolqien ta' struttura komuni ta' provvista tal-gass u eventualment ta' karburanti fossili oħra.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE "Il-faqar fl-enerġija fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni u l-kriżi ekonomika", ĠU C 44, 11.2.2011, p. 53-56.

5.24 Fil-każijiet li jolqtu lil bosta Stati Membri, il-Kunsill għandu jagħti mandat lill-Kummissjoni Ewropea li jawtorizzaha li tinnegozja fisem l-UE, ftehimiet ta' provvista tal-enerġija ma' pajjiżi terzi. Il-KESE jinnota b'sodisfazzjoni d-deċiżjoni tal-Kunsill li jagħti lill-Kummissjoni Ewropea l-kompitu li tinnegozja ftehimiet, fisem l-Istati Membri, mal-Azerbajġan u t-Turkmenistan dwar il-provvista tal-gass permezz tat-Trans-Caspian Pipeline. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-KESE jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li jxerdu din il-prattika.

5.25 Il-KESE jirrakkomanda monitoraġġ iktar mill-qrib mill-Kummissjoni Ewropea tal-ftehimiet nazzjonali kollha tal-provvista tal-enerġija li saru ma' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun kapaċi tapprova dawn il-ftehimiet skont ir-riperkussjonijiet tagħhom, pożittivi jew negattivi fuq l-UE (Opinjoni TEN/464).

5.26 Il-KESE jirrakkomanda approċċ ibbażat fuq l-iżvilupp u s-sħubija mal-pajjiżi tal-Euromed u l-pajjiżi viċini tal-Lvant tal-UE li jippermettu lill-UE li tiddiversifika u tiżgura l-provvisti tal-enerġija tagħha (l-iktar is-sorsi rinnovabbli tal-enerġija permezz ta' proġetti bħad-Desertec, Mediterranean Ring, Mediterranean Solar Plan, Medgrid) u jgħinu lill-imsieħba tagħha jisfruttaw il-potenzjal tagħhom. L-UE tista' tagħti għajnuna teknika kif ukoll għarfien espert u ħilet fil-qasam tat-taħriġ u t-tmexxija tal-proġetti (opinjoni REX/329).

5.27 Il-KESE jqis li l-KEE u l-fażijiet intermedjarji tagħha għandu jkollhom dimensjoni esterna b'saħħitha bil-għan li jiffavorixxu l-aċċess għall-enerġija fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw. Dawn il-pajjiżi għandhom jingħathaw l-għajnuna sabiex jipproduċu l-enerġija li għandhom b'żonn iżda għandhom ikunu jistgħu jespportawha wkoll lejn l-Ewropa sabiex jiffinanzjaw l-investimenti tagħhom.

5.28 Il-KESE jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjonijiet u Enerġija tal-24 ta' Novembru 2011 li jitlob għal dimensjoni esterna b'saħħitha tal-politika tal-enerġija. Huwa jinnota wkoll il-prijoritajiet tal-Kunsill u jerġa' jtnni t-talba tiegħu għal integrazzjoni mtejba tal-politiki tal-enerġija li tkun tinvolvi tal-inqas konsultazzjoni sistematika qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet. Fir-rigward tal-metodu, jirrakkomanda approċċ Komunitarju b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fejn dan ikun ta' valur miżjud.

L-Involvement tas-soċjetà ċivili

5.29 Fid-dawl tal-kwistjonijiet ambjentali importanti, l-ammont ta' investimenti li għandhom jitwettqu, ir-riperkussjonijiet soċjali tad-deċiżjonijiet politiċi, il-konsegwenzi fuq l-istil ta' ħajja u l-b'żonn tal-appoġġ pubbliku, huwa indispensabbli li ċ-ċittadini jiġu assoċjati fid-dibattitu dwar il-kwistjonijiet tal-enerġija. Iċ-ċittadini Ewropej għandhom id-dritt għal informazzjoni ċara u trasparenti fejn jidħlu l-għażliet fil-qasam tal-enerġija fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. (3) Il-KES nazzjonali f'dan

(3) Fil-kuntest tal-enerġija nukleari ara l-eżempju tal-ANCCLI fi Franza, Assoċjazzjoni nazzjonali tal-kumitati u l-kummissjonijiet lokali ta' informazzjoni, li twaqqfet permezz ta' digriet tal-Kunsill tal-Istat Franċiż.

ir-rigward għandhom rwol importanti x'jaqdu. Hemm b'żonn ta' kampanji ta' informazzjoni u konsultazzjoni dwar il-kwistjonijiet prinċipali li qed tiffaċċja l-Ewropa fil-qasam tal-enerġija. Hemm b'żonn li titpoġġa wkoll enfasi fuq l-effikaċja fl-użu tal-enerġija.

5.30 Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jespriemu l-fehmiet tagħhom regolarmet dwar id-deċiżjonijiet politiċi l-kbar. Jistgħu jiġu organizzati konsultazzjonijiet fil-livell adegwat. Il-KESE ilu bosta snin iwettaq konsultazzjonijiet fil-livell tal-UE (b'mod partikolari dwar l-enerġija nukleari, il-qbid u l-ħżin tas-CO₂ – CSC). L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali huma mistiedna jorganizzaw konsultazzjoni wiesgħa mas-soċjetà ċivili.

5.31 Il-KESE jipproponi li jinħoloq forum Ewropew tas-soċjetà ċivili inkarigat mill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet tal-enerġija. Dan il-forum ikun jaħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE u jiltaqa' spiss sabiex jikkontribwixxi fi programm multiannwali ta' integrazzjoni tas-suq tal-enerġija. Huwa jista' jgħaqqad flimkien organizzazzjonijiet Ewropej u nazzjonali attivi fil-qasam tal-enerġija. Dan il-forum jista' jiġi konsultat dwar id-disinn tan-netwerk tal-enerġija tal-UE, it-transizzjoni lejn sistema tal-enerġija li tuża livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju sal-2050 u l-kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali relatati. Il-membri għandhom ukoll jirċievu informazzjoni adegwata li jistgħu mbagħad jgħadduha lil organizzazzjonijiet simili fl-Istati Membri.

5.32 Li l-pubbliku jaċċetta l-għażliet li jsiru fil-qasam tal-enerġija hija sfida oħra (nukleari, CCS, impjanti eoliċi, linji tal-elettriku b'vultaġġ għoli eċċ.). Il-parteċipazzjoni u r-responsabbiltà jimxu flimkien. Il-KESE li jmexxi l-grupp ta' ħidma "Trasparenza" tal-Forum Ewropew tal-Enerġija Nukleari jista' jikkontribwixxi billi jipprovi informazzjoni trasparenti liċ-ċittadini u fl-iskambju magħhom permezz tas-sit tal-internet tiegħu (it-tixrid tal-prattika tajba, is-segwitu tal-inizjattivi u tal-proġetti ta' kooperazzjoni, l-iżviluppi fis-settur, il-ġbir tal-fehmiet tas-soċjetà ċivili għad-diskussjoni fil-forum dwar l-enerġija tas-soċjetà ċivili u d-disseminazzjoni fost dawk li jfasslu l-politika). Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri sabiex jipprovidu informazzjoni rilevanti permezz ta' mezzi newtrali u oġġettivi. Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-forums ta' konsultazzjoni huwa essenzjali f'dan ir-rigward.

L-iżviluppi instituzzjonali possibbli fil-perjodu aktar fit-tul

5.33 It-twaqqif tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija jibqa' l-għan aħħari. Fl-istess waqt, billi jista' jkun diffiċli li s-27 Stat Membru jimxu flimkien fl-istess direzzjoni, kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri fil-livell reġjonali tista' tippermetti pass iktar mgħaġġel. Madanakollu, dawn l-azzjonijiet ma' jistgħux jikkontradixxu l-leġislazzjoni jew il-miżuri l-oħra tal-UE u dan għandu jiġi żgurat permezz ta' konsultazzjoni kontinwa u l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE. Jekk ikun hemm b'żonn jistgħu jitwaqqfu mekkaniżmi iktar formali.

5.34 Il-KESE jirrakkomanda li jiġi evalwat il-progress li ser isir minn issa sal-2014 bil-għajnuna ta' Artikolu 194 tat-TFUE u li mbagħad jitqies jekk hemmx b'żonn ta' bidliet abbażi tal-proposti l-iktar ambizzjużi ta' din l-opinjoni. Jista' jitfassal qafas futur ġdid abbażi tat-Trattat tal-KEFA. Għandu jkun possibbli li jiġi integrat kwalunkwe qafas istituzzjonali ġdid kif ukoll l-acquis tiegħu fl-istruttura tal-UE jekk l-Istati Membri jiddeċiedu dan.

Brussell, 18 ta' Jannar 2012.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON
